FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 TA' APRIL, 2002**

**Numru:**

**Avviz Nru: 1745/01 JB**

**Roger Satariano & Sons Limited**

**vs**

**Charles Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm473.97c (erbgha mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi) somma dovuta lill-kumpanija attrici bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, liema prezz ghadu ma thallasx.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Ottubru 2001, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr. Michelle Pace tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' Lm437.97c (erbgha mija u sebgha u tlettin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi) bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**